**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru, 2015**

**Rikors nru: 186/2014 MLF**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Charles Atkins**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta Bank of Valletta p.l.c., fejn esponiet, u Romould Attard ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta rikorrenti bil-gurament ikkonferma illi:

Illi in forza ta' Ittra Ufficjali bin-numru 1954/2009 reza ezekuttiva fl-4 ta' April 2009 (Dok A) taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimat jinsab debitur tas-socjeta Bank of Valletta p.l.c. fis-somma ta' sitt mija u erbghba u tmenin Euro u sebgha u teminin centezmu (€684.87) sorte flimkien mal-ispejjez legali u flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mis-17 ta' Marzu 2009 sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi d-debitu tal-intimat mas-socjeta rikorrenti illum jammonta ghal tlett mitt Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€300.24) flimkien mal-ispjejjez legali u mal-imghax ulterjuri mill-31 ta' Mejju 2014 sal-jum tal-pagament effettiv;

Illi ghaddew aktar minn tlett snin minn meta l-ittra ufficjali fuq imsemmija setghet tigi ezegwita u d-debitu tal-intimat ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, is-socjeta rikorrenti talbet lil din il-Qorti tawtorizzaha tezegwixxi l-Ittra Ufficjali bin-numru 1954/2009, reza ezekuttiva fl-4 t'April 2009 taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-ismijiet fuq imsemmija, bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

Ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-Kodici ta' Procedura Civili, huwa ma deherx fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2015, ghalkemm gie msejjah tlett darbiet u lanqas ipprezenta risposta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti.

Mid-Dokument A, ezebit mar-rikors promotur, li hija l-ittra ufficcjali numru 1954/09 fl-ismijiet premessi, li ghaliha hemm riferenza fir-rikors promotur, jidher car li din l-ittra giet reza ezekuttiva fil-11 ta' Gunju 2009, skont it-timbru tad-deputat registratur Marica Fenech, u mhux fl-4 t'April 2009, kif erronjament jinghad fir-rikors promotur. Pero dan l-izball huwa zball tal-pinna, u ma jarreka l-ebda pregudizzju lill-intimat, stante li d-dettalji l-ohra kollha tal-ittra ufficjali in kwistjoni huma korretti. Konsegwentement, l-intimat ma seta' jkollu l-ebda dubbju ghal liema ittra ufficjali, is-socjeta attrici kienet qed tirreferi fir-rikors promotur, u di piu, l-ittra ufficjali in kwistjoni tinsab annessa mar-rikors promotur.

Fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2015, Rose Cortis, legal officer tal-bank rikorrenti ikkonfermat bil-gurament li mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur, u cioe, mis-26 ta' Mejju 2014, ma thallasx xejn mill-ammont dovut imsemmi fl-istess rikors. Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontestata, u din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn ma temminx din ix-xhieda.

.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti u tawtorizzaha tezegwixxi l-Ittra Ufficjali bin-numru 1954/2009 fl-ismijiet fuq imsemmija, reza ezekuttiva fil-11 ta' Gunju, 2009, ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan ghar-rimanenti bilanc li ghadu dovut lis-socjeta rikorrenti, u cioe tlett mitt Euro u erbgha u ghoxrin

centezmu (€300.24), flimkien mal-ispejjez legali u mal-imghax ulterjuri mill-31 ta' Mejju 2014 sad-data tal-pagament effetiv.

L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jigu subiti mill-intimat.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**